MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 526/2002/1

**Bernardette Agius; Joseph Bartolo; Alexandra Falzon; Jane Inguanez; Catherine Micallef; Mary Grace Scerri; Therese Decelis.**

**-vs-**

**Onorevoli Prim Ministru, Tabib Principali tal-Gvern.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta’ Mejju, 2002 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma lkoll ‘enrolled nurses’ impjegati mal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern u stazzjonati fid-diversi sptarijiet u dipartimenti illi jaqghu taht il-kompetenza tieghu – l-attrici Bernardette Agius fl-isptar San Luqa, l-attur Joseph Bartolo fl-Isptar Sir Paul Boffa, l-atturi Alexandra Falzon, Jane Inguanez, Catherine

Micallef u Mary Grace Scerri mal-'Primamry Health Care Department' fid-Divizjoni tas-Sahha u l-attrici Therese Decelis fl-Isptar St. Vincent De Paule;

Illi fi zminijiet differenti fuq medda ta' numru ta' snin l-atturi lkoll kienu gew assimilati fil-grad ta' 'Enrolled Nurse' fi Skala Numru 11, u kienu gew mgharrfa b'dan ufficcjalment permezz ta' ittra mahruga mill-Ministeru tas-Sahha u ffirmata mid-Direttur tar-Rizorsi Umani illi permezz taghha, testwalment, kienu gew mgharrfa "li bhala parti mir-Riforma fis-Servizz Pubbliku, u wara li giet approvata l-Klassifikazzjoni u r-Ristrutturar tal-Gradi tal-Imfermiera, inti gejt assimilat/a fil-grad ta' Enrolled Nurse fi Skala Numru 11";

Illi l-maggior parti tal-atturi kien gew mgharrfa, in oltre, illi l-assimilazzjoni taghhom kienet qed tidhol b'effett arretrat osija retrospettiv f'certi kazijiet b'effett arretrat ossija retrospettiv ta' diversi snin;

Illi mill-mument illi l-atturi gew mgharrfa b'din l-assimilazzjoni fi Skala 11, huma naturalment bdew jaqdu dmirijiet u jassumu responsabilitajiet, inkluz f'dak illi jirrigwarda "seniority", illi kienu jirriflettu l-assimilazzjoni taghhom f'dan l-iskala tas-servizz civili, u naturalment bdew jippercepixxu paga skond din l-istess skala 11 u maz-zmien bdew ukoll jiehdu l-'increments' f'din l-iskala ta' salarji;

Illi ricentement, wara t-trapass ta' dawn is-snin kollha, l-atturi gew mgharrfa illi l-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 kif fuq espost kienet saret bi zball u ghalhekk gew mitluba illi jirrifondu lura l-hlas allegatament zejjed lilhom moghti per konsegwenza tal-assimilazzjoni lilhom avzata, u sahansitra sofrew anke tnaqqis mis-salarju taghhom ghal dan l-allegat hlas zejjed lilhom imhallas, liema tnaqqis gie ezegwit unilateralment mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern minghajr ebda konsultazzjoni jew informazzjoni;

Illi l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern m'ghandu ebda dritt, anke a distanza ta' dan iz-zmien kollu, illi jghid illi l-

assimilazzjoni tal-atturi saret “bi zball” ghaliex l-assimilazzjoni taghhom giet approvata mill-Kummissjoni ghas-Servizzi Pubbliku u oltre dan l-ezercizzju tal-assimilazzjoni, kif fuq spjegat, sehh fuq firxa ta’ snin u ghalhekk indubbjament kieku verament kien hemm “zball” kien hemm zmien izjed minn ampju biex l-awtoritajiet koncernati jindunaw b’dan l-allegat “zball” izda *invece*, sena wara l-ohra, ghal medda ta’ mill-inqas erba’ snin shah, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern kompla jgharraf lill-atturi, wiehed wara l-iehor, bl-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 tas-Servizz Civili;

Illi d-decizjoni da parti tal-konvenuti, huma jew min minnhom, illi biha l-assimilazzjoni giet iddikjarata bhal li saret “bi zball” u per konsegwenza kienet se tigi mhassra tikkostitwixxi eghmil amministrattiv irragjonevoli, kif ukoll abbuz ta’ poter amministrattiv;

Illi l-atturi jsostnu fermement illi, fl-ewwel lok, l-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 saret korrettement, u mhux “bi zball” kif allegat mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, u fit-tieni lok, ladarba l-assimilazzjoni taghhom giet approvata ufficcjalment tali decizjoni ma tistax tigi arbitrarjament u unilateralment rovexxjata jew annullata;

Illi mill-mument illi huma gew assimilati fi Skala 11, l-atturi bdew jaqdu dmirijiet u fuq kollox jassumu responsabilitajiet, anke ghal dak li jirrigwarda ‘seniority’ fil-postijiet tax-xoghol rispettivi taghhom, illi kienu jirriflettu l-hatra taghhom f’din l-iskala, u ghalhekk certament illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma jistghu qatt isostnu illi l-atturi inghataw xi hlas zejjed ghaliex l-atturi taw servizz skond l-iskala taghhom u ghalhekk skond il-hlas illi kien qieghed jinghatalhom, u konsegwentement il-konvenuti, huma jew min minnhom, ma jistghu qatt jippretendu ebda rifuzjoni minghand l-atturi ta’ xi allegat “hlas zejjed” moghti lill-istess atturi;

Illi l-atturi kienu pprezentaw protest gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti, ghal liema protest gudizzjarju l-konvenuti odjerni ma pprezentaw ebda risposta;

Jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kif lilhom avzata saret korrettement u skond il-Ligi;

2. tiddikkjara illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kif lilhom avzata ma' tistax tigi mhassra jew annullata b'ebda att amministrattiv min-naha tal-konvenuti, huma jew min minnhom;

3. tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma ghandhom ebda dritt u ma jistghux ihassru ossija jannullaw l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili u l-progressjoni illi l-istess atturi ghamlu minn dak il-mument illi fih tali assimilazzjoni dahlet fis-sehh;

4. tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenut, huma jew min minnhom, illi permezz taghha gie ddikjara illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kienet saret "bi zball" u d-decizjonijiet konsewgenti, incidentali u ancillari, ghall-imsemmija decizjoni hija irragjonevoli u/jew arbitrja u/jew ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll tikkostitwixxi abbuz ta' poter;

5. konsegwentement thassar u tirrevoka u tikkancella d-decizjoni tal-konvneuti, huma jew min minnhom, illi permezz taghha gie dikjarat illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kienet saret "bi zball" u d-decizjonijiet konsegwenti, incidentali u ancillary, ghall-imsemmija decizjoni hija rragjonevoli u/jew arbitrja u/jew ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll tikkostitwixxi abbuz ta' poter;

6. tiddikjara illi l-atturi ma rcevew ebda hlas zejjed minghand il-konvenuti izda thallsu biss tax-xoghol illi ghamlu u tar-responsabbilitajiet illi assumew skond l-iskala tas-servizz civili lilhom avzata u li fiha l-istess atturi gew assimilati mill-konvenuti nfushom;

7. konsewgentement, tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma ghandhom ebda dritt illi jitolbu u/jew jezigu u/jew jinforzaw u/jew jippretendu ebda rifuzjoni minghand l-atturi ghal xi allegat hlas zejjed moghti lill-istess atturi;

8. tidikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, m'ghandhom ebda dritt illi jnaqqsu s-salarju illi kienu jippercepixxu l-atturi skond l-iskala 11 tas-Servizzi Civili illi fiha huma gew assimilati u skond il-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni;

9. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jiddezistu milli jaghmlu kwalsijasi att amministrattiv in forza ta' liema s-salarju percepit mill-atturi skond l-Iskala 11 tas-Servizz Civili illi fiha huma gew assimilati u skond il-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni jigi effettivament ridott;

10. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jikkonfermaw l-assimilazzjoni tal-atturi fl-Iskala 11 tas-Servizzi Civili u l-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni;

11. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-atturi s-salarju lilhom spettanti skond l-iskala u t-targa f'tali skala attwali taghhom qabel ma gie unilateralment u arbitrarjament dikjarat illi mill-istess konvenuti illi l-assimilazzjoni tal-attur fi Skala 11 tas-Serizz Civili kienet saret "bi zball";

12. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit komputista, it-tnaqqis effettwat mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern mis-salarju tal-atturi ta' kull wiehed u wahda mill-atturi sabiex dan jitnaqqas mill-ammont pretiz mill-istess Tabib Principali tal-Gvern bhala rifuzjoni ta' allegat hlas zejjed moghti lil kull wiehed u wahda mill-istess atturi;

13. tikkundanna lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern sabiex jirrifondi lil kull wiehed u wahda mill-atturi

rispettivament l-ammont kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti riferibilment ghal kull wiehed u wahda mill-atturi;

14. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit komputista, it-tnaqqis fis-salarju soffert minn kull wiehed u wahda mill-atturi in segwitu ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kienet saret "bi zball" u konsegwenti dimozzjoni tal-atturi ghal dik l-iskala u t-targa illi t-Tabib Principali tal-Gvern dehrlu illi kellu jnizzel lil kull wiehed u wahda mill-atturi;

15. tikkundanna lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern sabiex ihallas lil kull wiehed u wahda mill-atturi dik is-somma kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti riferibbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi rispettivament; u

16. taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimetni l-ohra kollha opportuni in segwitu ghad-dikjarazzjonijiet fuq mitluba.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-fuq imsemmi protest gudizzjarju kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Joseph Mary Bartolo fis-7 ta' Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Prim Ministru pprezentata fil-5 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-Prim' Ministru m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12.

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili li jirrevedu l-kwistjoni dwar jekk l-atturi kellhomx dritt illi jibbenefikaw minn 'progression' minn skala ta' salarju ghal ohra fis-Servizz Pubbliku jew illi jikkonfermaw din il-"progressio" ta' l-atturi

fi xi skala ta' salarju partikolari fis-Servizz Pubbliku u dan billi d-decizjoni dwar tali 'progression' ta' impjegat pubbliku minn skala ta' salarju fis-Servizz Pubbliku ghal skala ohra ma tinkwadrax ruhha fid-definizzjoni ta' att amministrattiv fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 u ukoll in vista ta' dak li jiddisponi s-subinciz (6) ta' l-istess Artikolu 469 A fis-sens illi s-servizz mal-Gvern huwa rapport specjali regolat bil-kundizzjonijiet minn zmien ghal zmien stabbilit mill-Gvern stess u, ukoll stante illi l-konferma ta' "progression" tkun tikkostitwixxi assunzjoni ta' funzjoni amministrattiva mill-Qorti li taqa' barra l-funzjoni gudizzjarja.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess il-"progression" fi skala ta' salarju ma hijiex hatra jew promozzjoni kif pretiz mill-atturi. Promozzjoni tinghata biss mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta izda "progression" fi skala ta' salarju ohra tikkostitwixxi biss zieda fil-paga u m' hijiex promozzjoni jew hatra u ma ssirx mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku izda tigi approvata mill-Kap tad-Dipartiment koncernat. Huwa car illi jekk dik il-"progression" tigi approvata f' cirkostanzi fejn l-approvazzjoni kienet saret bi zball, l-Kap tad-Dipartiment jista' ukoll jirrevoka dik il-"progression".

4. Illi ukoll subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess, l-pretenzjonijiet ta' l-atturi fis-sens illi minhabba l-'progression' huma saru responsabbli li jaghmlu xi xoghol izjed oneruz minn dak illi kienu dovuti li jaghmlu qabel dik il-"progression" huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kemm ghax dan m' huwhiex il-kaz kif ukoll stante illi ai termini ta' l-Artikolu 78 ta' l-Ordinanza dwar il-professjoni Medika, u l-Professjoni li ghandhom x'jaqsmu maghha" (Kap.31) "… ebda nfermier iskritt (Enrolled Nurse) ma ghandu jezercita l-professjoni tieghu jekk mhux taht solveljanza ta' imfermier registrat jew taht id-direzzjoni ta' tabib,". Fil-fatt l-attui kollha kienu "Enrolled Nurses" qabel l-assimilazzjoni u baqghu "Enrolled Nurses" wara u kienu ghalhekk dejjem regolati ai termini ta' l-Artikolu precitat.

5. Illi ukoll subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess t-talba ghar-rifuzzjoni tal-hlas maghmula mill-Gvern fil-konfront tal-atturi hija wahda oggettivament giustifikata u ma tikkostitwixxix abbuz ta' poter. Il-“progression” kienet saret bi zball minhabba misapplikazzjoni manifesta ta' l-Artikolu 3.1 tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Unions dwar il-Klassifikazzjoni u r-Ristrutturar tal-klassi tal-Imfermiera ta' l-1993. Illi taht dak il-ftehim sabiex l-atturi jkunu ntitolati ghaz-zieda fil-paga riedu jkunu “Serving Officers” fil-5 ta' Mejju, 1993 cioe' d-data meta gie ffirmat l-ftehim u ried ikollhom “Nursing Service”. Hadd mill-atturi ma' kien “Serving Officer” fid-data msemmija u ghalhekk huma manifest illi huma ma kienux jikkwalifikaw ghall-“proression” u li ma kellhom ebda dritt jithallsu paga mizjuda.

6. Illi subodinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa eccepit ukoll illi c-citazzjoni odjerna fiha numru kbir ta' talbiet li fi kwalunkwe kaz gew avvanzati inutilment billi jew ma' hemmz bzonnhom jew jirrigwardaw il-konsegwenza logika ta' l-implimentazzjoni ta' talbiet ohra.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa mit-Tabib Principali tal-Gvern, Dr. John M. Cachia fil-5 ta' Gunju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fid-9 ta' Jannar, 2004 li permezz taghha giet michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u giet ordnata t-tkomplija tal-kawza.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2007 li permezz tieghu l-kawza giet imhollija ghas-sentenza dwar l-ewwel hdax-il talba attrici bil-fakolta' li l-partijiet jippresentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-istess noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. L-atturi huma *enrolled nurses* mad-Dipartiment tas-Sahha u f'xi zmien kollha kienu gew assimilati fil-grad ta' *Enrolled Nurse* fl-iskala numru 11 u uhud minnhom fi grad 12 b'effett retroattiv. Sussegwentement fl-2002 il-konvenut dehrlu li din l-assimilazzjoni saret bi zball u ghalhekk kiteb lill-atturi fejn qalilhom li kien se jibda jnaqqsilhom mis-salarju sakemm jigi rifuz l-ammont li skond hu, hallas zejjed lill-atturi. L-atturi ghalhekk qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-assimilazzjoni ma saritx bi zball izda kienet korretta u ghalhekk il-konvenut ma kienx korrett li naqqsilhom is-salarju li naqqas l-istess salarju biex allura jkun gie rifuz l-ammont allegatament imhallas zejjed.

L-atturi pprezentaw l-affidavits taghhom a fol 45 *et sequitur*. Wiehed jista' jghid li ftit jew wisq dawn jirrakkontaw l-istess storja fis-sens li huma kienu gia' impjegati bhala *nurses* fi xbubithom, waqfu wara li zzewgu jew kellhom l-ulied, u regghu bdew jahdmu fl-istess impjieg wara xi snin, naturalment mhux kollha l-istess ammonti ta' snin. L-attrici Micallef giet assimilata fl-1999 b'effett mill-1995 ; l-attrici Agius fl-1997 b'effett fuq skala 11 mill-1995 u fi grad 12 b'effett mill-2000; l-attrici Scerri b'effett mill-1999; l-attur Bartolo b'effett mill-1996 u fi grad 12 b'effett mill-2001; l-attrici Inguanez b'sehh mill-1999; l-attrici Decelis b'effett mill-1996; l-attrici Falzon fi skala 11 fl-2000 skala 12 b'effett mill-1991.
Fis-seduta tat-23 ta' April, 2004 xehdu, prodotti mill-atturi, Steven Vella, kollega tal-attur Bartolo, Josephine Caruana kollega tal-attrici Decelis, Josephine Debono, kollega tal-attrici Agius, Raymond Decelis, Charles Agius – dawn it-tnejn mizzewgin lil tnejn mill-atturi u Colin Galea ufficjal tal-Union li tirrappresenta lill-atturi, l-MUMN. Dan qal li l-konvenuti sostnew li kien sar zball meta gew assimilati l-atturi fil-gradi msemmija. Kien sar ftehim kollettiv fl-1993 bejn il-Gvern u l-GWU u l-UHM billi dakinhar l-MUMN ma kinitx tezisti. Dan il-ftehim, skond ix-xhud gie emendat fl-1996 ma' l-MUMN. Skond il-ftehim l-*Enrolled Nurses*

kellhom isiru kollha skala 13 u wara ghaxar snin isiru skala 12 u wara ghaxar snin ohra skala 11. Skond hu s-servizz kellu jittiehed bhala servizz fil-grad in kwistjoni. Dan hu kkonfermat minn ittra mibghuta mid-Direttur tal-Policy u Planning lid-divizjoni tas-Sahha fit-28 ta' Marzu, 1996 fejn intqal hekk; "*MPO Circular 18/96 refers to 'service in the grade' and not nursing service. Enrolled nurses who re-join Government are to have the period of nursing service outside Government reckoned for the twenty years required for progression to Scale 11.*" (fol 156). Din l-ittra giet esebita mix-xhud Saviour Lautier illi kien Direttur tar-Rizorsi Umani fiz-zmien in kwistjoni u li xehed fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2004. Skond dan ix-xhud, il-problema inqalghet ghaliex hadd mill-atturi ma kienu jahdmu bhala *enrolled nurses* fil-5 ta' Mejju, 1993 meta dahal fis-sehh il-ftehim u l-ftehim jghid illi jirreferi ghal *enrolled nurses holding an appointment as an enrolled nurses on the date of signing of the agreement* (allura 5 ta' Mejju, 1993). A fol 169 ix-xhud qal li l-process kien wiehed twil u beda cirka fl-1995 meta d-Dipartiment tas-Sahha beda jdur il-listi u jaraw li grupp li *ghalaq l-ghoxrin sena jew ilu ghoxrin sena u ghalaq erbghin* u jinforma lid-dipartiment tat-Tezor.

Fit-2 ta' Frar, 2005 xehed Anthony Fava li kien assistant direttur tas-Salarji fid-Dipartiment tat-Tezor fiz-zmien in kwistjoni li pprezenta numru ta' dokumenti li jirreltaw ghall-ammonti li nqatghu lill-atturi wara l-akkadut. Dan spjega ukoll illi meta d-dipartiment irrealizza li l-atturi ma kinux qed iservu bhala *nursing officers* fil-5 ta' Mejju, 1993 allura ha l-passi biex jirrimedja. L-ittra esebita a fol 238 tal-process tispjega ezatt x'gara – naturalment mill-*punto di vista* tal-konvenut. Din giet esebita mix-xhud Maureen Mahoney li flimkien ma' Emanuela Meli, Charles Grech, Roberta Gauci u Victor Tonna xehdu fis-seduta tas-6 ta' April, 2005. Dawn kollha huma funzjonarji fid-Dipartiment tas-Sahha.

Il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern li huwa l-konvenut principali fil-kawza esebixxa affidavit ta' l-imsemmi Saviour Lautier a fol 301 tal-process. Dan esebixxa l-parti tal-ftehim kollettiv li jirreferi ghall-atturi (fol 304). Dan

jipprovdi li *serving officers* li kienu *enrolled nurses* kellhom jitilghu ghal grad 12 wara hames snin servizz sodisfacenti u ghal grad 11 meta jaghlqu erbghin sena u jaghlqu ghoxrin sena servizz sodisfacenti. Skond ix-xhud "*bi svista ma ccekjawx jekk dawn l-infermiera kellhomx hatra sostantiva ta' enrolled nurse fil-5 ta' Mejju, 1993 kif hemm fil-ftehim indikat. L-impjegati tal-personnel section ma ntebhux li kellhom jiccekkjaw ukoll jekk l-infermiera koncernati kelhomx hatra sostantiva fil-5 ta' Mejju, 1993.*" Esebixxa ukoll l-addendum tas-sena 2000 ghall-ftehim kollettiv ta' l-1993. Dan jindika car fil-*heading* tieghu stess li huwa *Addendum to the agreement on the classification and grading of the nursing service grades and to the agreement on the classification of the midwifery sector***.** Fuq dan l-affidavit ix-xhud ma giex kontro-ezaminat peress li kien gia' ittella jixhed mill-atturi.

Il-Qorti qabel xejn taqbel ma' l-atturi illi l-fatt li dawn kellhom jibdew il-proceduri huma u mhux il-konvenut gara ghaliex il-konvenut principali u cioe' it-tabib principali tal-Gvern iddecieda li ha zball u kellu l-possibilta' li jaghmel dan ghaliex bhala fatt kellu s-sahha li jaqbad u jnaqqas il-paga ta' l-atturi biex b'hekk jirkupra dak li huwa jsostni li tahom bi zball. Il-Qorti taqbel ukoll li dan huwa attegjament perikoluz u jista' jaghti lok ghal abbuz independement mill-fatt jekk dan l-izball ikunx sar jew le. Ghalhekk taqbel ukoll ma' l-atturi li fic-cirkostanzi huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jipprova li dan l-izball sar mhux bil-maqlub!

Il-Qorti pero' ma taqbilx ma' l-atturi li din il-prova ma saritx ghaliex dan jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebiti. Din il-Qorti kif preseduta gia' iddikjarat illi ftehim kollettiv jorbot lill-partijiet u ghandu effett ta' ligi bejn il-partijiet – <u>Malta Shipyards vs General Workers Union</u> deciza fl-10 ta' Ottubru, 2005 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell. Huwa car ghall-Qorti illi l-ftehim kollettiv iffirmat fl-1993 kellu japplika ghal *serving officers* u ebda wahda u wiehed mill-atturi ma kien jissodisfa dan il-kriterju fl-1993 ghaliex f'xi zmien qabel huma kienu waqfu mill-impjieg taghhom mal-Gvern. Regghu bdew jahdmu bhala *nursing officers* f'perjodu **wara l-1993** u ghalhekk il-beneficcji indikati f'dak

il-ftehim ma kienx japplika ghalihom. Lanqas ma jista' jigi argumentat illi l-ftehim tas-sena 2000 tahom xi beneficcju li ma kinux intitolati ghalih ghaliex dan huwa biss **zieda mal-ftehim precedenti** u minn imkien ma jirrizulta li kellu jissana xi zball li seta' sar qabel jew li jaghti lill-atturi xi dritt li ma kinux intitolati ghalih qabel. Il-Qorti taqbel ma' l-atturi li huwa misteru kif zball bhal dan jppredura ghal tant zmien u tistenna li ghandu jhallas ghalih min ghamlu ghaliex ma tistax tifhem kif kellha ssir assimilazzjoni ohra biex xi hadd intebah bih! Ma huwiex sewwa li individwi jiehdu zbalji bhal dawn (jekk ma kienx hemm ukoll il-kompjacenza ta' xi hadd kif donnu indika ix-xhud Charles Grech fis-seduta tas-6 ta' April, 2005 li qal li kien hemm **pressjoni kbira minn kulhadd … mill-Ministru u mid-Direttur …** biex saret assimilazzjoni ta' wahda mill-atturi fis-sena 2000!) u ghalihom ibatu terzi u l-Erarju pubbliku. Apparti minn dan wiehed jista' jistaqsi x'kien jigri kieku dan l-izball hadd ma intebah bih u l-Erarju Pubbliku baqa' johrog hlasijiet li mhux suppost li saru.

Stabbilit dan wiehed allura ghandu jezamina jekk il-konvenut kellux is-setgha li jirtira l-assimilazzjoni li kien hareg ghall-beneficcju ta' l-atturi u jekk iva, setax inaqqsilhom il-paga u jzomm ghalih il-hlasijiet zejda li kien gia' ghamel. Dwar l-ewwel mistoqsija l-Qorti ma ghandhiex dubbju li t-twegiba ghandha tkun fl-affermattiv. Ladarba l-konvenut Tabib Principali intebah bl-izball huwa kellu kull dritt, anzi d-dover, li jirtira l-assimilazzjoni. Kontrarjament ghall-ingaggar ta' haddiema u promozzjonijiet, assimilazzjoni ma tehtiegx l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku u infatti anke d-dokumenti esebiti jindikaw dan; meta l-atturi gew impjegati mal-Gvern il-hatra saret mill-Kummissjoni izda l-ittri li jikkonfermaw l-assimilazzjonijiet saru da parti tal-konvenut it-tabib principali.

Il-kwistjoni jekk setax pero' il-konvenut imsemmi jaqbad u jnaqqas mis-salarji li kienu dovuti **wara** li ntebah bl-izball hija iktar problematika mil-lat fattwali u dak legali. Mill-aspett legali kif sewwa rrimarkaw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom normalment jikkompeti lil min ihallas biex jitlob il-hlas lura. L-Artikoli 1021 u 1022 tal-

Kodici Civili tista' tghid jghidu l-istess haga izda mill-punti di vista opposti; min jircievi haga li ma kellux dritt jircievi ghandu jroddha lura u min jahseb bi zball li hu debitur u jhallas ghadu jedd li jitlob il-hlas lura. Skond is-sentenza fl-ismijiet Rossi vs Cilia (Prim'Awla 11 ta' Marzu, 1970) ir-rekwisiti biex l-azzjoni tirnexxi huma tlieta u cioe' il-hlas, id-difett ta' kawza tal-hlas u l-izball fl-*accipiens* u s-*solvens.* Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Tonna vs Bugeja (8 ta' Frar, 1957) intqal fost affarijiet ohra illi *jekk issir il-prova li s-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura m'ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas ghaliex* ***inebitum solutum sciens non recte ripetit.*** *F'dan il-kaz min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta u* ***imputet sibi*** *jekk kellu xi dannu.* F'dan il-kaz ma hemmx dubbju li l-konvenut imsemmi kellu a disposizzjoni tieghu l-fatti kollha u ma jista' jwahhal f'hadd mill-atturi ghall-izball li ha. Anzi jidher li kif gia' inghad kien hemm certa insistenza minn persuni f'karigi gholja fid-dipartiment koncernat biex ghal inqas uhud minn dawn l-assimilazzjonijiet jigu attwati. Ghalhekk fuq l-iskorta ta' dawn is-sentenzi jidher li l-atturi ghandhom ragun jilmentaw minn din l-azzjoni li jigu ridotti s-salarji biex jigu irkuprati l-ammonti imhallsa zejda.

Hemm ukoll fatturi ohrajn favur dan ir-ragunament; l-atturi kien ikollhom dritt jopponu l-preskrizzjoni ta' sentejn kieku l-konvenut ippropona l-kawza hu ai termini ta' l-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili u ghalhekk ma hijiex legalment sostenibbli l-azzjoni tal-konvenut imsemmi li arbitrarjament jaqta' mis-salarji biex jirrepeti l-ammonti kollha imhallsa zejda. Oltre dan, meta l-atturi ircevew l-assimilazzjoni huma effettivament bdew jaghmlu xoghol kompatibbli ma' dak il-grad li ghalih gew assimilati. Mhux gust ghalhekk illi jittihdilhom lura dak li effettivament hadmu ghalih. Huwa irrilevanti l-argument tal-konvenut kontenut fir-raba' eccezzjoni.

Il-Qorti ghalhekk fi ftit kliem jidrilha li waqt li l-konvenut it-tabib principali kellu dritt jirtira l-assimilazjonijiet in kwistjoni ma setax jiehu lura l-ammonti ta' flus li huwa dehrlu li hallas zejda a bazi ta' l-istess assimilazzjonijiet.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti din tidher gustifikata billi ma jidhirx li skond l-Artiklu 181B tal-Kap. 12 il-konvenut Prim Ministru kellu jigi mharrek. Infatti dan l-artiklu jghid car li *l-Gvern ghandu jkun rappresentat mill-kap tad-Dipartment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni.*

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti fil-waqt li tilqa' l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, izda tichad l-ohrajn (*eccetto* it-tieni wahda li gia' giet michuda permezz tas-sentenza fuq imsemmija tad-9 ta' Jannar, 2004) salv dak li gej, u fil-waqt li tillibera lill-konvenut Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-ewwel hames talbiet tal-atturi; tilqa' s-sitt u s-seba' talba; tilqa' it-tmien, disa', ghaxar u hdax-il talba riferibbilment biss ghas-salarji li thallsu qabel giet irtirata l-assimilazzjoni izda tichadha ghal dawk pagabbli wara dan l-irtirar. Il-Qorti ghalhekk tordna t-tkomplija tal-kawza fir-rigward tat-talbiet l-ohra tal-atturi dejjem fir-rigward ta' l-ammonti li gew imnaqqsa mis-salarju tal-atturi biex jigu rifuzi l-ammonti mhallsa skond il-gradi erronjament assimilati.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------